**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u erbgha u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Hamis 11 ta' Settembru 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta, *Misnt SMM(UK), MCIM (UK), MBA (Maastricht), **Chartered Marketer*** | Kunsillier |

Il-Kunsillier Mario Caruana talab li jkun skuzat.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku talab li jiġu approvati l-Minuti ta' Seduta Nru 343, liema minuti kienu ċċirkolati u ttieħdu bħala moqrija.

Il-Kunsillier Cedric Valletta talab li emenda tal-Minuti, fejn f'punt Nru 6 Tender Playinfield Equipment & Rubber Flooring, l-aħħar sentenza li tgħid;

'*Għaldaqstant talab li hu jastjeni minn din id-deċiżjoni'* titneħħa.

Il-Kunsill approva din l-emenda.

Il-Kunsill approva l-Minuti ta' Seduta 343

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

Il-Kunsillier Cedric Valletta talab li jiġi diskuss Punt 8B ta' Minuti 343. Is-Sindku spjega li din il-korrispondenza ġiet diskussa fis-Seduta li għaddiet. Il-Viċi Sindku, Christian Sammut fisser li fl-ebda ħin il-Kunsill ma kien infurmat li se jsir Parking

area. Il-Viċi Sindku fisser li dan hu l-uniku open space li għandna fil-lokalita' li ukoll se jitneħħa. Ovvja, s-Sindku, Vincent Bonello, fisser li meta l-proġett tal-irħamar tal-konki li hemm quddiem il-gabbana fi Pjazza San Pawl kien għalhekk li ma tkomplix, għaliex din l-area kienet parti mill-proġett tal-gabbana. Is-Sindku spjega li dawn il-parking spaces se jgħinu lill-komunita' kummerċjali tal-akwata. Il-Kunsillier Judith Bugeja staqsiet jekk wieħed minn dawn il-parking spaces hux se jkun għal persuni b'diżabilita'.

Il-Viċi Sindku Christian Sammut infurma lill-membri preżenti li hu mhux kontra l-proġett ta' żvilupp tal-gabbana, anzi, iżda li jkun hemm parkeġġ fil-pjazza ma jaqbilx. Is-Sindku spjega li fil-Belt Valletta l-unika zvog li kien hemm fi Pjazza Regina fejn anke kien jiehu t-tfal tieghu, hemmhekk, il-Gvern precedent, li m'ilux hafna, taha kollha kemm hi lis-settur kummercjali biex jarmawha bl-imwejjed, siggijiet u umbrelel u nehha kwalunkwe zvog li kien hemm fil-Belt Valletta. Fil-kaz ta' Pjazza San Pawl, kulhadd jaf li meta l-gabbana tkun maghluqa, l-pjazza tkun cimiterju.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fisser li biex jinqatgħu ċertu abbużi għandhom jitnaqqsu l-parking spaces u mhux jiżdiedu. Il-Viċi Sindku Christian Sammut fisser li dawn il-parking bays mhux bilfors se jintużaw minn min se jmur jixtri mill-gabbana. Is-Sindku qabel mieghu u sahaq li din il-problema tista' tissolva billi jsiru tabelli ta' 10minutes parking.

Il-Kunsillier Cedric Valletta saħaq li għandna Perit li għandu kunflitt ta' nteress, għaliex huwa Perit tal-Kunsill u Perit tal-Kuntrattur li qed jipproponi dan l-iżvilupp. Is-Sindku qabel mal-Kunsillier Valletta, izda ghalih ma taghmilx differenza jekk ikunx il-Perit iehor jew le, galadarba l-izvilupp isir skont il-permessi mehtiega mill-Awtoritajiet.

Il-Kunsillier Cedric Valletta għamilha ċara li hu favur il-proġett ta' żvilupp, għaliex huwa tajjeb ħafna li business jaqla' lira, iżda mhux sewwa li jittieħed spazju tal-Ħamruniżi biex isir parkeġġ.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssekonda lill-kunsillier Cedric Valletta, billi qal li huwa wkoll favur il-proġett iżda ma jaqbilx li jittieħed parkeġġ minn art tal-Gvern.

Il-Viċi Sindku Christian Sammut talab li l-Kunsill imur għal vot dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku gibed l-attenzjoni għall-fatt li mhux il-kunsillier kollha kienu preżenti u huwa nuqqas ta' rispett li l-Kunsill ma jieħux is-suġġerimenti tal-membri kollha dwar din il-kwistjoni.

Is-Sindku nfurma l-membri li hu favur tal-proġett kif propost 100%.

Għaldaqstant din il-kwistjoni għandha tibqa' pendenti u terġa' tiġi diskussa f'laqgha ohra.

## 5. Festival taċ-Ċikkulata 2014

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li t-tfal li attendew għas-Summer School tal-Kunsill, li l-ammont kien wieħed record din is-sena, ħadmu ħafna crafts sbieħ u se jittella' stand bix-xogħlijiet li ħejjew dawn l-istudenti waqt il-Festival.

Is-Sindku nfurma lill-membri li ltaqa' mal-ko-ordinaturi tal-attivita', s-Sur Andrew Farrugia u s-Sur Mario Camilleri u pproponew żona, tas-sit fejn jista' jiġi organizzat dan il-festival. Kopja tas-Sit ġiet immarkata fuq pjanta u ċċirkolata lill-membri preżenti (DOK 'B')

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li jkun opportun kieku l-attivita' tibqa' tiela sa quddiem il-knisja. Dan sabiex l-għaqdiet kollha jkunu nvoluti.

Il-Kunsillier Cedric Valletta tal-parir li l-istalls jiġu armati f'nofs ta' triq, kif ukoll li jintramaw l-fustuni tad-dawl fil-ġnub, tul Triq il-Kbira San Ġużepp. Dan jista' jsir mal-istess kuntrattur li jieħu ħsieb it-tiżjin tal-Milied tal-istess triq. Il-kunsillier Cedric Valletta nfurma lill-membri li huwa importanti li nagħmlu kuntratt mat-Trade Division u nitolbu verifika li l-ħwienet jistgħu jibqgħu miftuħin matul l-attivita'.

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-membri l-ftehim li l-Kunsill normalment jagħmel mas-Sur Andrew Farrugia dwar l-attrazzjoni prinċipali li jagħmel għall-festival. Is-Sindku spjega li huwa ferm importanti li l-Kunsill jiddiskuti l-arranġament li għandu jsir mas-Sur Farrugia rigward l-ispejjeż in konnessjoni ma din l-attrazzjoni. Il-Kunsill għandu jara jekk hux se jħallas għaċ-ċikkulata u jieħu l-attrazzjoni hu jew inkella hux se nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż taċ-ċikkulata biss u l-istruttura jeħodha lura s-Sur Farrugia. Ġie suġġeriet li niddiskutu mas-Sur Farrugia l-prezz għaż-żewġ offerti u l-Kunsill iqabbel fejn jaqbillu.

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-ġimgħa d-dieħla se jkun qed jiltaqa' ma' rappreżentanti minn Benna, St. Martin's Institute u Farsons sabiex naraw x'għajnuna jistgħu joffru waqt dan il-festival.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ssuġġerixxa li jsiru platforms għaż-żeffiena u daqqaqa.

Ġie suġġeriet sabiex il-Kunsill ikellem lit-tlett baned tal-lokalita' u jagħmlu zoni bi String/Brass Band u jdoqqu mużika allegra u mhux marċi.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ssuġġerixxa li nitkellmu ma Farsons u naraw hux lesti li jħallsu għall-ispiża tal-Grupp mużikali Każinska.

Ġie suġġeriet li l-iscouts Group jagħmlu parata.

Tkun ħaġa tajba jekk jiddaħħlu xi għannejja wkoll.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ssuġġerixxa li jinġieb pjanista jew vjolinista jew kitarrista u janima l-area tal-Knisja San Gejtanu. Anzi jkun opportun jekk nitolbu permess lill-Kappillan sabiex parti miz-zuntier jintuża bħala palk.

Ġie suġġeriet ukoll li jiddaħħal entertainment tradizzjonali bħal daqqaqa u żeffiena maltin.

Is-Sindku spjega li l-għaqdiet lokali dejjem jingħataw preċedenza u qatt ma jagħtu xejn lura, għaldaqstant qed jissuġerixxi li l-Kunsill jiltaqa' mal-Kummissjonijiet taż-Żgħażagħ u Armar sabiex naraw x'jistgħu jarmaw tul it-toroq tal-festival.

(B) Marketing tal-attivita.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ssuġġerixxa li jsir reklamar tal-attivita' fuq ir-radjijiet nazzjonali kif ukoll fuq Calypso Radio u Solid Radio.

Il-Viċi Sindku Christian Sammut issuġġerixxa li jitqassam flyer tal-attivita' fir-residenzi kollha tal-Ewwel Distrett.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ssuġġerixxa li r-reklamar jibda minn ġimgħa qabel.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-Kunsill li se tiġi organizzata Kompetizzjoni tal-Kejkijiet taċ-Ċikkulata.

Il-Kunsillier Carmen Borg uriet ix-xewqa li l-Kunsill iħallas l-ispiża għal kiri ta' forn sabiex fil-Kids' Corner jissarju c-Chocolate Stromboli mit-tfal.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li għall-ewwel darba ġie deċiż li jintrama stand bil-mugs mimlija biċ-ċikkulata belġjana, li se tingħata lill-Kunsill mis-Sur Andrew Farrugia. Dawn il-mugs jinbiegħu għal prezz ta' €5.00 u l-qliegħ kollu jmur għall-Istrina 2014. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħmel kuntratt mal-Community Chest Fund u tinfurmahom b'din l-idea. Is-Sindku tal-idea li jkunu voluntiera tal-Istrina 2014 li joqgħodu mal-istand.

## 6. Aġġornament

Il-laqgħa ġiet aġġornata.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Vincent Bonello | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

______________________

DATA

Minuti Nru 344 gew approvati waqt Seduta Nru ____________ li nzammet nhar _____________________________.